# Paġna tad-deheb fl-istorja tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u ta' San Publju

### *Sittin sena ilu (1953), il-Fratellanza ta' San Publju (1834) issir il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u ta' San Publju*

*Minn Dun David Torpiano*

L-anniversarji huma dejjem okkażjonijiet importanti, speċjalment meta huma ta' natura komunitarja. Li wieħed jagħti ħarsa lura lejn il-passat isservih tajjeb biex jiskopri l-għeruq tiegħu u forsi wkoll jitħeġġeġ biex b'mod kreattiv jagħmel użu mit-tradizzjoni komunitarja tant rikka, speċjalment f'pajjiżna u fil-parroċċi tagħna.

Eżattament sittin sena ilu, fl-1953, fil-Floriana seħħ avveniment sinjifikattiv li għalkemm huwa fih innifsu sempliċi, fl-istess ħin huwa wkoll ta' valur għall-istorja tal-parroċċa tal-Floriana. Fil-Floriana, sa miż-żmien li fih il-Knisja ta' San Publju kienet viċi-parroċċa tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, diġà kienet teżisti il-Fratellanza ta' San Publju Isqof u Martri. Kif jixhdu missirijietna, fit-12 ta' Jannar tal-1834, il-Vigarju Mons. Salvatore Lanzon żar il-Knisja ta' San Publju biex iwaqqaf kanonikament l-Fratellanza ta' San Publju u biex quddiemu ssir il-professjoni tal-ewwel fratelli u sorelle tal-fratellanza. Kien Mons. Salvatore Lanzon innifsu li ġie nnominat bħala l-ewwel rettur tal-Fratellanza ta' San Publju. Ftit jiem biss wara t-12 ta' Jannar tal-1834, l-Isqof Awżiljarju Mons. Publio dei Conti Sant ġie pprofessat bħala fratell fil-fratellanza l-ġdida ddedikata lill-qaddis li tiegħu Mons. dei Conti Sant kien iġib l-isem.[1]


VENERANDA CONFRATERNITA DI SAN PUBLIO MARTIRE.

FLORIANA. 5 Giugno 1953.

Nella Gran Curia Arcivescovile di Malta
A Sua Eccellenza Reverendissima
Monsignor Sir Michele Gonzi, KBE., DD., BLitt., JCD(Greg).
Assistente al Trono di Sua Santità,
Arcivescovo Metropolita.

Ricorso di Victor H. Felice, quale Segretario della Venda. Confraternita di San Publio, Martire,

Espone riverentemente,

Che i Confratelli della suddetta Confraternita desiderando avere la loro Confraternita unita a quella del SSmo: Sacramento hanno tenuto una Consulta Generale in cui, all'unanimità, venne deliberato di avanzare all'Eccellenza Vostra Reverendissima tale domanda,

Che a tale scopo vennero formati nuovi Statuti i quali sono qui annessi e sottomessi al savio giudizio dell'Eccellenza Vostra,

Il ricorrente quindi prega umilmente la Vostra Eccellenza Reverendissima a voler benignamente accogliere la detta preghiera compiacendoSi pure indicate gli obblighi e le Indulgenze annessivi,

Che della grazia, ecc., ecc.,

V. H. Felice
Segretario
Venda. Confraternita di San Publio M.

Presentato con una copia degli statuti il 6 Giugno 1953

Rikors biex issir l-Għaqda

Ta' min wieħed josserva li f'diversi knejjes parrokkjali, l-ewwel fratellanza kienet tkun dik tas-Santissmu Sagrament. Sal-ġurnata tal-lum, f'ħafna parroċċi, ma nsibux fratellanzi ddedikati lill-qaddis patrun jew lill-qaddisa patruna tal-parroċċa iżda nsibu li l-fratellanza tas-Santissmu Sagrament tkun ħafna drabi dik li hija l-iżjed marbuta mal-qaddis jew mal-qaddisa li lejh il-parroċċa tkun iddedikata. Jista' jkun li fil-Floriana, l-affarijiet imxew mod ieħor minħabba l-fatt li fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, li minnha kienet tagħmel parti l-Floriana, diġà kienet teżisti l-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù li kienet u hekk għadha sal-lum, il-fratellanza marbuta mal-kult ewkaristiku f'dik il-parroċċa. Dan iwassalna biex nikkonkludu li ladarba fil-konfini parrokkjali kienet teżisti diġà fratellanza marbuta mal-qima ewkaristika, ma kenitx ser tiġi mwaqqfa oħra simili fl-istess parroċċa u dan wassal biex fil-Knisja Viċi Parroċċa tal-Floriana titwaqqaf b'iżjed faċilità il-Fratellanza ta' San Publju. Fil-Belt Valletta, il-fratellanza ewlenija tas-Santissmu Sagrament hija l-Arċikonfraternità tas-Santissmu Sagrament imwaqqfa fil-parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu u San Duminku.

Wara għexieren ta' snin u wara li l-Knisja Viċi-Parrokkjali ta' San Publju fil-Floriana ġiet elevata bħala parroċċa għaliha, maqtugħa għal kollox mill-parroċċa li kienet tagħmel parti minnha sal-1844, ġustament il-Furjaniżi ħassew il-ħtieġa li waħda mill-fratellanzi tagħhom tkun ukoll imsejħa uffiċjalment biex taqdi d-dmirijiet tagħha bħala fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Kien pass għaqli ħafna li l-imseħbin tal-Fratellanza ta' San Publju ħadu meta qablu li f'isem il-fratellanza, is-segretarju

1 Ara Emmanuel S. Tonna, *Il-Konfraternita ta' San Publju u tas-S.S. Sagrament*, f'*Programm Festa San Publju 1988*, Malta 1988, 19.

Victor H. Felice, kellu jibgħat rikors li permezz tiegħu jitlob lil Mons. Arċisqof Metropolita Mikiel Gonzi biex jibdel l-isem u l-istatut tal-Fratellanza ta' San Publju biex b'hekk tibda tissejjaħ bħala l-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament u San Publju. L-itinerarju sakemm saret din it-talba b'mod formali u ntlaqgħet kien twil u interessanti.

Ix-xewqa li ssir din l-għaqda jew kif inhi msejħa fil-minuti tal-konsulti tal-Fratellanza ta' San Publju 'affiljazzjoni', issemmiet għall-ewwel darba fil-konsulta privata li saret mill-fratelli fl-Oratorju ta' San Publju nhar id-29 ta' Lulju 1951. Ir-rettur tal-Fratellanza ta' San Publju is-sur Antonio Agius, qal li dik is-sena (1951) kienet taħbat il-ħamsa u għoxrin sena mir-'riunjoni' tal-Fratellanza ta' San Publju u kien jixraq li dan jiġi ikkommemorat. Victor Felice, is-segretarju tal-fratellanza jgħid hekk fil-minuti ta' dik il-laqgħa partikolari: *"Prese la parola il rettore col dire che quest'anno la nostra Venda. Confraternita avrebbe compiuto il 25$^{mo}$ anno insin della sua riunione e sarebbe molto adatto di commemorare questo anniversario affinche noi possiamo risuscitare il nostro zelo per attendere ai doveri richiesti dalla stessa Venda. Confraternita."*[2] Minkejja li għad m'għandniex informazzjoni biżżejjed dwar din il-kwestjoni tar-'*riunione*', jidher li bejn l-1913 u l-1926 ma sarux iżjed laqgħat jew konsulti tal-fratelli u dan hu ppruvat mill-fatt li jekk wieħed jikkonsulta l-ewwel volum tal-*Libro Consulte* (l-ewwel volum tal-kotba li fihom hemm il-minuti tal-laqgħat tal-fratellanza)[3] isib li bejn l-1913 u l-1926 ma hemm l-ebda minuti entrati f'dan il-volum. Għal xi raġuni, il-laqgħat tal-fratellanza jidher li ma kenux qed isiru. Minħabba f'hekk nistgħu nipotizzaw li din ir-'*riunione*' hija propju l-mument meta fl-1926, il-laqgħat tal-fratellanza reġgħu bdew jinżammu regolarment. Minħabba dan l-imsemmi anniversarju, ir-rettur tal-fratellanza ippropona lid-direttur spiritwali, l-Arċipriet tal-Floriana ta' dak iż-żmien Dun Angelo Ghigo, li l-fratellanza ta' San Publju ma tibqax biss fratellanza ddedikata lil dan il-qaddis patrun ta' Malta iżda ssir ukoll fratellanza tas-Santissmu Sagrament b'mod li tkun fratellanza li tgħaqqad dawn iż-żewġ devozzjonijiet flimkien. Victor Felice jinnota li *"Il Rettore chiese anche al Direttore Spirituale affinche questa nostra Venda. Confraternita di San Pubblio Martire verrebbe unita*


Fl-1934 b-digriet ta' l-Eccellenza Tighu Mons.F.Saverju Caruana giet imwaqqfa fil-Knisja Vici Parrokkjali tal-Furjana Fratellanza taht l-isem ta' San Pubbliu Isqof Martri bi-skop li tkabbar id-devozzjoni tal-qaddis imsemmi kif ukoll li t-akkumpanja w is-servi fil- processjonijiet kolla l-isiru bis-Santissimu f-din il Vici Parrocca.

B-digriet iehor ........................ ta' ............ din il Fratellanza giet mghaquda ma' tas-Santissimu Sagrament u ghalhekk moghtija l-isem ta' "FRATELLANZA TAS-SANTISSIMU SAGRAMENT U TA' SAN PUBBLIU MARTRI" w ghal daqstant gew mghamula dawn l-Istatuti:-

Kapitlu I.
DHUL FIL-FRATELLANZA

1. Dawk kolla, Rgiel u Nisa, l-iridu jissiehbu f-din il Fratellanza ghandhom jghatu lir-Rettur, jew lill-Prokuratur, isimhom u l-età taghhom.

2. Jistghu jissiehbu dawk kolla li ghalqu t-18 il sena, kif ukoll dawk it-tfal li ghalqu l-14 il sena, bill patt li ma jistax ikollhom VOT qabel ma jghalqu t-18 il sena.

3. Dawk l-iridu jissiehbu f-din il Fratellanza waqt mewthom "in articulo mortis" jigu accettati minghajr ma jkollhom dritt ghad-difna fl-oqbra tal-Fratellanza jekk ma jghaddux SITT xhur mill-jum tal-professjoni.

4. Imlaqqgha l-Konsulta Privata, s-Segretarju jaqra l-isem ta' dawk l-iridu jissiehbu li, mgharufa l-kondotta w il karattru taghhom mil-Konsulta, jigu moghdija bil-voti segrieti. Jigu accettati dawk l-igibu [illegible] voti tajba minn kull TLIETA.

5. Is-Sacerdoti w il Kierici jigu accettati minghajr votazzjoni.

6. In-Nisa, bil-parir tad-Direttur Spiritwali, jigu accettati mil-Konsulta bla votazzjoni.

7. Il hlas tal-Gubilazzjoni huwa ta' £1.10.0 darba; [illegible] minnhom, ghal-inqas, jithallsu mall-professjoni.

8. Dawk l-[illegible] bla ma jkunu hallsu l-Gubilazzjoni kolla ma jairulhomx .....

*L-Istatut il-ġdid ta' meta saret l-Għaqda*

*con quella del Ssmo. Sacramento e cosi possiamo acquistare un'abbondanza di Ingulgenze Plenarie."*[4]

Fil-konsulta privata tas-7 ta' Ottubru 1951,[5] il-W.R. Arċipriet Dun Angelo Ghigo qal li kien kellem lill-Vigarju ġenerali ta' Mons. Arċisqof dwar il-proposta li kienet qed tiġi diskussa u li dan tal-aħħar kien qallu li jekk kienet se ssir l-unjoni tal-Fratellanza ta' San Publju ma' dik tas-Santissmu Sagrament, kien se jkun hemm xi obbligi li riedu jiġu rispettati. Il-fratelli innutaw li dawn l-obbligi ma kenux se jkunu wisq differenti minn dawk li diġà kienu marbutin bihom. F'konsulta privata oħra li saret fid-9 ta' Diċembru tal-istess sena, ir-rettur tal-fratellanza tenna li biex ix-xewqa tal-unjoni ssir realtà, il-fratellanza kellha tifformula rikors li mbagħad imur għand Mons. Arċisqof biex dan jevalwa u jilqa' jew jirrifjuta it-talba tal-fratellanza. Ir-rettur tenna wkoll li minħabba pass bħal dak li kien ser jittieħed, kien meħtieġ li ssir konsulta



ġenerali li għaliha jattendu kemm jista' jkun fratelli biex jagħtu l-fehma u l-approvazzjoni tagħhom dwar din il-materja tant importanti.[6]

Il-konsulta ġenerali tal-20 ta' Jannar 1952 (jum biss qabel il-festa liturġika ta' San Publju) kienet forsi waħda mill-iżjed importanti f'dan il-proċess li wassal biex il-fratellanza ssir magħrufa bħala Fratellanza tas-Santissmu Sagrament u ta' San Publju Martri. Il-minuti ta' din il-konsulta jixhdu li saret diskussjoni dwar dan il-pass importanti fejn il-fratelli konsulturi u diversi fratelli ħadu sehem attiv. Jidher li għall-ewwel, ġie propost li l-fratelli juru l-fehma tagħhom għall-proposta tal-unjoni (li nqrat lilhom mir-rettur) permezz ta' sempliċi 'akklamazzjoni'. Madankollu, minħabba li żewġ fratelli, Salvatore Pace u Giuseppe Mousu qajmu xi diffikultajiet li fil-fehma tagħhom din id-deċiżjoni kienet se toħloq. Fuq suġġeriment tal-fratell Salvatore Maggi, ġie deċiż li jittieħed vot sigriet. Mill-voti kollha tnejn u għoxrin vot kienu favur l-unjoni u wieħed biss kien kontra. Is-segretarju Victor Felice jikteb li: *"la dimanda venne consegnata al nostro Direttore Spirituale per portarla all'Autorita' Ecclesiastica."*[7]

F'dik li din id-darba tisejjaħ "seduta ġenerali" tas-17 ta' Frar 1952,[8] insibu li d-direttur spiritwali tal-fratellanza, wara li tkellem mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, ġie mitlub biex jgħarraf lill-membri tal-fratellanza li huma kellhom jaħsbu biex jiġu miktubin u approvati statuti ġodda għall-fratellanza u biex dawn jiġu wkoll sottomessi lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi għall-approvazzjoni. Il-fratelli għalhekk iffurmaw kummissjoni magħmula minn Antonio Agius bħala rettur tal-fratellanza, Salvatore Maggi li kien prim assistent u Victor H. Felice li kien is-segretarju tal-fratellanza. Din il-kummissjoni kellha x-xogħol li tikteb statuti ġodda. Huwa interessanti li wieħed jinnota li ċertu fratell kunjomu Scerri li ħa sehem f'din il-laqgħa, ippropona li l-minuti tal-laqgħat, kif ukoll l-istatuti ġodda tal-fratellanza jiġu miktubin bil-Malti u mhux bit-Taljan. Jidher li fiż-żewġ każi, il-proposta ta' Scerri bdiet tiġi attwata mill-ewwel. Fil-konsulta ġenerali tal-31 ta' Awwissu 1952, il-fratelli semgħu b'attenzjoni l-qari tal-abbozz tal-istatuti


8.

Kapitlu VIII.

51. Konsulta Ġenerali tissejjaħ dik li fiha jehdu sehem il Fratelli kolla w li fiha jistgħu jid-decidu w jiv-votaw. Ghandhom dritt għal-vot il Fratelli kolla. F-din il Konsulta jridu jkunu presenti mill-anqas 25 Fratell, inklus ir-Rettur; fil-kas li ma jingabarx dan in-numru 'l-Konsulta tithalla għal ftit hin wara skond ma jiġi stabbilit w issir bin-numru tal-Fratelli presenti bis-setgha kolla li għanda 'l-Konsulta Ġenerali, basta jkun presenti r-Rettur u l-Assistenti, jew ta' l-anqas wiehed minnhom.

52. Il Konsulti, tant Generali kemm Privati, jip-presiedi r-Rettur w ikun presenti wkoll id-Direttur Spiritwali, jew delegat tighu, illi ghandu jkun avvzat bil-jum w il hin tal-Konsulta.

53. Migbura 'l-Fratelli għal-Konsulta Privata, wara li tinghad it-talba, r-Rettur jis-surroga lill-Ufficjali neqqsin w ihabbar, lill-presenti, r-raġuni tal-Konsulta w wara li jkun tgha 'l-fehma tighu, jibdew jitkellmu l-Ufficjalu w il Fratelli, skond l-anzjanità taghhom. Jekk ir-Rettur josserva li xi hadd ma jkunx qieghed igib ruhu xieraq, r-Rettur ghandu jorrdnalhu li jikkorrieġi ruhu, w fil-kas li dan ma jobbdix ir-Rettur ghandu d-dritt li jis-sospendieh mill-Konsulta, w fil-kas li dan iwebbes rasu r-Rettur, flimkien mall-Konsulta, ghandu d-dritt li jeskludieh mill-Fratellanza.

54. Huwa dmir tal-Konsulta Ġenerali li tid-definixxi l-affarijiet kolla li huma ta' nteress tal-Fratellanza, bhal ma huma xi accettazjoni ta' xi legat, obbligi, xiri jew bejgh ta' proprietà, kif ukoll kull kwestjoni li tista tinqala.

55. Il kwestjonijiet kolla li jistgħu jinqalgħu fil-Konsulta Ġenerali, dawn jiġu decisi permezz tal-vot segriet u jiġu mniżżla mis-Segretarju fill-minuti tal-Konsulta tant in-numru tal-voti favur kemm ukoll ta' dawk kontra.

Kapitlu IX .....

l-ġodda tal-fratellanza. Wara li saru xi kjarifiki, il-fratelli qablu li kellhom jissottomettu dawn l-istatuti u jagħmlu rikors uffiċjali li kellu jkun ippreżentat lil Mons. Arċisqof Metropolita Mikiel Gonzi mill-Arċipriet tal-Floriana. Fil-fatt, kellu jkun l-Arċipriet Dun Anton Debono li jiffirma dan ir-rikors għaliex skont ma nsibu fil-minuti tal-konsulta privata ta' nhar it-12 ta' Ottubru 1952, Dun Angelo Ghigo kien ġie maħtur kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral. Il-fratellanza għalhekk b'rikonoxximent għall-ħidma tiegħu, anki bħala direttur spiritwali tal-fratellanza, wiegħdet lil Mons. Ghigo li malli l-Arċisqof jilqa' t-talba tal-unjoni li kienet qed tagħmel il-Fratellanza ta' San Publju, hu kien se jkun l-ewwel affiljat ġdid tal-fratellanza minn meta din l-unjoni tibda sseħħ.[9]

Nhar l-10 ta' Mejju 1953, fil-konsulta ġenerali li saret bħas-soltu fl-oratorju tal-fratellanza, ipparteċipa wkoll Dun Anton Debono. Ir-rettur Antonio Agius saħaq fuq il-bżonn li l-fratellanza tibgħat rikors ieħor lil Mons. Arċisqof flimkien mal-Istatuti li l-fratellanza kienet qed tipproponi għall-approvazzjoni. Intqal ukoll li jkun tajjeb kieku l-għaqda jirnexxilha ssir sas-Sollennita ta'

6 Ara Ibid., *Consulta Privata* (9 Dicembre 1951), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

7 Ibid., *Consulta Generale* (20 Gennaio 1952), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

8 Ara Ibid., *Konsulta ġenerali* (17 Frar 1952), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

9 Ara Ibid., *Konsulta Privata* (12 Ottubru 1952), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

Wara l-mewt tas-Sur Publius Cassar, li kien ir-Rettur tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament u ta' San Publju, għal erba' snin, il-fratellanza tmexxiet minn Agent Rettur.
F'seduta li nżammet nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2013, Stephen Tonna, li kien l-Aġent Rettur, ġie nnominat u maħtur unanimament mill-membri preżenti, bħala r-Rettur il-ġdid tal-fratellanza

*Corpus Domini*. Interessanti li wieħed jinnota li fl-istess konsulta, Dun Anton Debono tkellem dwar il-ħtieġa li jsir Kunsill Parrokkjali fil-parroċċa u mid-dehra, fehem ukoll li l-fratellanza għandha tkun parti minn dan il-kunsill.

Fil-konsulta ġenerali li saret fid-9 ta' Awwissu 1953, il-fratelli setgħu jaqsmu l-ferħ tagħhom flimkien għall-fatt li Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kien laqa' t-talba tagħhom u aċċetta wkoll l-Istatuti b'mod li l-fratellanza bdiet tissejjaħ "Fratellanza tas-Santissimu Sagrament w ta' San Pubbliu Martri" skont kif inhi msejħa fl-Istatuti miżmumin fl-Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta.[10] Ir-rettur tal-fratellanza saħaq li l-aħbar kellha tiġi mxerrda mal-Floriana u li kellha ssir sejħa biex iżjed fratelli jipprofessaw kif ukoll sejħa biex dawk li kienu ipprofessaw u saru membri qabel, jerġgħu itennu l-professjoni tagħhom mill-ġdid. Hu tkellem ukoll fuq il-proposta li dan l-avveniment kellu jiġi mfakkar bit-tqegħid ta' rħama fl-oratorju.[11] Din il-lapida fil-fatt saret, milli jidher bi żball ċkejken rigward id-data ta' meta Mons. Gonzi laqa' r-rikors tal-fratellanza. Ir-rikors miktub mis-segretarju Victor H. Felice li jġib id-data tas-6 ta' Ġunju 1953 ġie milqugħ minn Mons. Arċisqof nhar it-3 ta' Lulju 1953. Għall-ewwel darba f'din il-pubblikazzjoni qed nirriproduċu l-iktar parti importanti mir-rikors miktub mis-Sur Victor H. Felice. Ir-rikors kien jitlob dan li ġej:

> *I confratelli della suddetta Confraternita desiderando avere la loro Confraternita unita a quella del Ssmo: Sacramento hanno tenuto una Consulta Generale in cui, all'unanimità, venne deliberato di avanzare all'Eccellenza Vostra Reverendissima tale domanda, Che a tale scopo vennero formati nuovi Statuti, i quali sono qui annessi e sottomessi al savio giudizio dell'Eccellenza Vostra, Il ricorrente quindi prega umilmente la Vostra Eccellenza Reverendissima a voler benignamente accogliere la detta preghiera compacendoSi pure indicare gli obblighi e le indulgenze annessevi...*[12]

Il-fratellanza ċċelebrat din l-unjoni nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru 1953. Il-programm kien jibda' b'quddiesa kantata tat-Terza fid-9.00am li għaliha l-fratelli kellhom jieħdu sehem bil-libsa proprja tagħhom u wara purċissjoni speċjali li kellha toħroġ mill-bieb maġġur tal-knisja u ddur mal-knisja arċipretali minn barra u terġa tirritorna lura l-knisja mill-istess bieb. Fl-4.30pm kellu jsir Għasar u jinqara d-digriet ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u wara jsir diskors tal-okkażjoni mill-Arċipriet Dun Anton Debono. Kellha ssir ukoll professjoni ta' xi fratelli ġodda, jitkanta l-*Pange Lingua* u filwaqt li ssir espożizzjoni Ewkaristika. Kellu jitkana t-*Te Deum* u tingħata l-barka sagramentali u wara jsir il-bews tal-relikwa ta' San Publju filwaqt li jitkanta l-Innu Popolari ta' San Publju.[13] Jidher li dakinhar saret ukoll konsulta privata fl-oratorju fejn il-W.R. Arċipriet qal li din il-paġna tad-deheb fl-istorja tal-fratellanza kellha tnissel xewqa fl-imseħbin mhux biss biex jirbħu l-Indulġenzi mogħtija imma biex ixerrdu dejjem u b'qawwa ikbar id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija.

Jalla l-anniversarju minn meta nkitbet din il-paġna tad-deheb fl-istorja ta' din il-fratellanza, kif sejħilha Dun Anton Debono, jkompli jixpruna t-tiġdid tal-istess fratellanza, speċjalment fil-proġetti li tixtieq twettaq fil-futur qarib sabiex din l-istituzzjoni li issa għandha għeruq fondi fl-istorja tal-Floriana, tiskopri r-rwol ġdid tagħha u l-kontribut li tista' tibqa' tagħti minkejja l-bidliet li seħħew matul iż-żminijiet.

---

10 Arkivju Arċiveskovili Malta (AAM), *Statuti tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament w ta' San Pubbliu Martri* annessi mar-Rikors iffirmat mis-Sur Victor H. Felice (6 ġunju 1953), f'*Suppliche* 1953, vol. II, 357.

11 Ara Ibid., *Konsulta ġenerali* (9 Awissu 1953), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

12 AAM, *Ricorso di Victor. H Felice, quale Segretario della Venda. Confraternita di San Publio, Martire* (6 Giugno 1953), f'*Suppliche* 1953, vol. II, 357.

13 Ara Ibid., *Konsulta Privata* (6 Settembru 1953), f'*Verbale delle Consulte della Ven. Confraternita del SS. Sacramento e San Pubblio M.*, vol. II, 17 Novembre 1937 – 31 Marzo 1968.

MARTHESE BAZAAR
ĦWEJJEĠ TAL-AĦĦAR MODA
GĦAL KULĦADD
ŻRABEN, SLIPPERS, TAPITI,
BJANKERIJA, UNDERWEAR etc.
Il-Festa t-tajba lil kulħadd
74, TRIQ SAN TUMAS FLORIANA
Telephone: 21 237996

Steve Salon
Stylists
Steve & Alan
65, Gunlayer Str, Floriana
21242687 / 79538990
amatoalan@hotmail.com